# LESTI GĦALL-MEWT U L-ĦAJJA

Ftit jiem oħra u nibdew ix-xahar ta' Novembru, ix-xahar tal-erwieħ. Matul dan ix-xahar isir iktar talb u jsiru iktar żjajjar fiċ-ċimiterji fejn għandna l-għeżież tagħna midfunin.
Matul dan ix-xahar iċ-ċimiterji tad-Duluri (ta' Kenuna) u tal-Ħniena Divina (tar-Ramla) ikunu miftuħin kuljum mis-7:30am sal-4:00pm jew jekk ikun hemm il-quddiesa, sakemm tintemm iċ-ċelebrazzjoni.
Ix-xahar ta' Novembru m'għandux ikun żmien li fih ninkeddu għax l-għeżiez tagħna m'għadhomx magħna. Huwa żmien li fih inġeddu t-twemmin li għad niltaqgħu ma' Kristu.
Meta l-Papa San Ġwanni XXIII kellu 81 sena u kien ilu 4 snin



Papa, kiteb hekk: **"Illum ninsab fir-raba' sena tal-pontifikat... La qed nibża' għax immut u lanqas nirrifjuta li nibqa' ħaj. Irrid inkun lest biex immut, anke mewt għal għarrieda; u rrid inkun lest li ngħix sakemm Alla jrid. Fil-bidu ta' għeluq it-tmenin sena, irrid inkun lest għall-mewt u l-ħajja"** (10/08/1961).

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**KONĊELEBRAZZJONI FIL-KAPPELLA TAĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:**
Nhar il-Ħamis 2 ta' Novembru, tifkira tal-mejtin kollha, fl-4:00pm. Nitolbukom biex kulħadd juża t-trasport tiegħu. Wara l-quddiesa jsir it-tberik tal-oqbra.



__Avviżi:__

**IĊ-ĊIMITERJI MATUL IX-XAHAR TA' NOVEMBRU:** għal dawk li jkollhom bżonn l-ilma fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina, diġà hemm żewġ kaxxi u se titpoġġa kaxxa oħra bl-ilma fuq in-naħa ta' wara tal-kappella. Nitolbu lil kull min iżur iċ-ċimiterju biex il-weraq, fjuri nexfin u t-tazzi vojta tax-xemgħa ma jintefgħux taħt is-siġar imma fit-tankijiet allokati. Fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina qed jiġri ta' spiss li jintremew il-pots tal-plastik tax-xtieli u t-tazzi tax-xemgħa taħt is-siġar u l-pjanti. Nirringrazzjawkom ħafna tal-koperazzjoni tagħkom. Infakkrukom li matul ix-xahar ta' Novembru tistgħu tħallsu €20 għaż-żamma taċ-ċimiterji.

**ĠABRA GĦALL-MISSJONI:** kien hemm xi triqat li fihom ma ħarġux persuni biex jiġbru l-envelop għall-missjoni. Dawk li jixtieqiu jagħmlu l-offerta tagħhom jistgħu jitfgħu l-envelop mal-ferta tal-knisja jew iġibuh fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**LAQGĦA GRUPP PATRI PIJU:** se ssir it-Tnejn 30 t'Ottubru fil-kappella tas-Sorijiet. Nibdew fil-5:30pm bl-Adorazzjoni u r-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa. Fit-talb dejjem ninkludu l-vokazzjonijiet u l-morda. Se nżidu wkoll il-paċi fid-dinja kollha.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru, taħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5:00pm fil-knisja jkun hawn is-Siegħa tal-Ħniena Divina. Nistiednu lil kulħadd għal dawn il-mumenti quddiem Ġesù preżenti fl-Ewkaristija.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Se ssir nhar is-Sibt 4 ta' Novembru fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù.

**IL-LAQGĦA TAL-ĠUVINTUR U L-OLD BOYS:** se ssir nhar is-Sibt 4 ta' Novembru fis-7:30pm fil-Museum tas-Subien. Tkun tikkonsisti f'quddiesa għal ruħ iż-żgħażagħ u l-old boys li ħallewna. Il-ġuvintur u l-old boys kollha huma mħeġġa sabiex jattendu. Il-quddiesa tkun tissodisfa l-preċett tal-quddies tal-Ħadd.

**Rachel's Vineyard:** Irtir ta' tlett ijiem għall-persuni li wettqu abort. Ser isir fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat (Malta) mill-10 sat-12 ta' Novembru. Jistgħu jattendu dawk kollha, nisa u rġiel, li qed isofru wara li għamlu abort. **Iltaqa' mal-imħabba, il-ħniena u l-maħfra t'Alla u ssib il-paċi.** Għal aktar informazzjoni jew biex tirreġistraw tistgħu tkellmu lil Christie fuq 79981012 jew lil Suzette fuq 77115433.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am